Occupational Health & Safety Authority

# Stqarrija għall-Media

## L-Emendi fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali

01.11.04

L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol tixtieq tikkummenta dwar d-diskussjoni li saret fil-Parlament dwar l-Att il-ġdid dwar is-Sigurtà Soċjali. Id-diskussjoni tat importanza kbira lir-responsabbiltà tal-ħaddiema li jekk jinstab li dawn ma jkunux qed jimxu mar-regoli tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol meta jweġġgħu, allura ma jkunux eliġibbli għall-benefiċċji ta' korriment. Ir-responsabbiltà ta' min iħaddem, iżda, ma tantx ingħatat importanza tant li ssemmiet biss b'mod sekondarju.

L-Awtorità kienet tixtieq li dan l-aspett kien jiġi delineat b'mod aktar ċar, partikolarment peress li l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Att XXVII ta' l-2000) li daħal fis-seħħ kważi tlett snin ilu jagħmilha ċara li huwa min iħaddem li għandu jġorr l-ikbar responsabbiltà fejn tidħol is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Fil-fatt, Art 4 (6) (1) jgħid li '..l-obbligi tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbiltà ta' min iħaddem'.

L-Awtorità innotat ukoll li waqt id-diskussjoni fil-Parlament, issemmiet il-ħtieġa li jsiru aktar spezzjonijiet f'postijiet tax-xogħol minn uffiċjali ta' l-Awtorità, partikolarment f'sîti ta' kostruzzjoni u fabbriki. Hija fil-fatt ix-xewqa ta' l-Awtorità wkoll li jkollha aktar riżorsi u uffiċjali mpjegati magħha sabiex tkun tista' twettaq aktar spezzjonijiet u tagħmel kampanja ikbar ta' edukazzjoni u informazzjoni. Iżda bir-riżorsi li għandha bħalissa, dawn huma limitati. L-Awtorita' madankollu tixtieq tassigura lil kulħadd li qed tagħmel dak kollu li huwa possibbli sabiex twettaq dmirijietha bl-aktar mod effiċċenti u effettiv fiċ-ċirkostanzi preżenti.